# FID-DLAM....
# ( 1916-1918 )

*Weraq tal-liedna lil Dun Karm*
*minn xitla li darba ħawwel.*

**ĠEWWA L-BELT**

Fejnkom, ja nies, u f'liema triqat koroħ
tħalltu max-xemx tinħbew f'did-dalma kollha,
tfittxu b'idejkom, b'għajn magħluqa timxu
u taħbtu ma' xulxin? u f'liema toqob
mortu titrekknu lkoll?—Xi swied ta' lejla
ġiet fuqna f'daqqa waħda. X'dalma waqgħet!
Telgħin bħal sħab fuq ieħor għal għaxija
jitkebbu, jistaħbew, sakemm għal kollox
weqfin bl-iswed ta' rjushom taħt is-sema
rajna l-ibliet, is-swar, l-irħula u l-għorof.
It-twieqi, saħansitra, fejn lejl wieħed
qatt ma kien jirfes, għax bid-dwal iħaġġu
aqwa mix-xemx, ġô fihom kienet tixgħel
iż-żġieġ, il-mirja, sal-ħitan miżbugħa;
it-twieqi, saħansitra, b'dawl imbexxaq
il-lum... oh kif staħbew għax donnhom lemħu
riesaq bħal seqer, iżanżan f'din id-dalma,
ġifen tal-ajru jew qerried ta' djarna.
Mill-bieb il-ġewwa ta' dil-belt, kif daħlu
daċ-ċpar, dil-ħemda u din id-dalma kollha?—
Tisma' tgemgim, sefsif ta' nies għaddejja
uħudhom b'rashom mgħaddsa l-wiċċ jaħarbu
ta' ħbieb u qraba u jiksru l-kantuniera.
Jixref bil-kemm xi dawl mill-ħwienet, juri
bil-kemm il-wiċċ ta' bniedem li tistenna...
U ħsejjes tisma'... iż-żwiemel għal-għarrieda
ilebbtu bil-baħrin... inbagħad oh f'daqqa
tisma' twaqwîq, u taħsbu ta' xi gawwi,
bħal ħoss ta' ragħda b'xita nieżla qlieli...
Jasal u jieqaf *motor-car*: quddiemu
it-trîq tinfetaħ b'dawl ta' xemx li bħalu
il-bniedem qatt ma ra fis-sema jiddi...
Tidher in-nies fid-dawl weħidha miexja
min-nofs it-trîq u twarrab, tieqaf tħares.

Xi ħadd l-arloġġ jittawwal... qalb id-daħna
tal-pipa, tas-sigarri ġewwa l-ħwienet
tara 'l xi ħadd b'nuċċali fuk gazzetta.
L-aħħar aħbarijiet tal-lejl oh waslu
mill-artijiet fejn nieżel wied ta' dmija.
—"L-aħħar aħbarijiet"—joħorġu jgħajtu
it-tfal fid-dlam... Xi ħadd b'dik l-iħbar f'idu
ifittex xaqq ta' dawl biex jaqra sewwa.........
..............................................................
Mejtin miżrugħa fl-art... nar jati dejjem...
baħar u art xebgħu lin-nies jibilgħu.
Agħjât ta' niket ġos-smewwiet jitlajja.
Din hi l-iħbar li daħlet mal-lejl iswed...
U lilna fid-dlam għalqu biex għajnejna
il-kruha ma jarawx tad-dwejjaq tagħna.

* * *

**BARRA L-BELT**

Jaħrab irid il-ħsieb, imdejjaq jaħrab
mill-waħx ta' ġewwa l-belt u l-barra joħroġ
fejn iż-żiffa tal-beraħ tħeff it-toqla
tal-għajn li trid tingħalaq. Fid-dlam qiegħda
il-kuċċiera tistenna xi tagħbija..
Wieqaf fuq il-ħadid bid-dwal mixgħula,
b'xi nies, min jaqra u min tisthajlu jogħnos,
it-*tram* għâdu jistenna l-ħin li jitlaq.
..............................................................
Kemm kienet tassew tqila dik id-dalma
li ġabret lix-xjuħ tagħna ġewwa s-sodda,
mhux hekk id-dalma barra s-swar li jagħ'lqu
il-belt imnikkta bit-tislit tad-dinja..
Hawnhekk oh kemm itir il-ħsieb qalb siġar...
il-bogħod minn kull ma jsir minn ġewwa u barra
mingħajr taqtîgħ ta' qalb... Siġar wensija,
beraħ u skiet ta' dil-mogħdija mdallma,
kemm fikom hena f'dan iż-żmien ta' dwejjaq,
kemm intom sbieħ il-lum fis-swied ta' lejlkom
imwennes biss mill-ħoss ta' rota żżarżar,
miksur minn leħħa ta' xi karru mdawwal
fejn l-uċuh nara ta' ftit nies tad-dinja,
għaddejja tiġri l-barra u taħrab donnha
fi dlamijiet kennija u mhux hekk koroh...
..............................................................

Siġar tal-palm ċkejknin, li tħaddru dejjem
fil-qieraħ kiebi ta' nirien u rwiefen,
siġar tas-sliem li tħalltu d-dell tax-xuxa
tagħkom mad-Dell tal-ogħla Mgħallem miexi
fostkom fuq is-saltniet rgħibin tad-dinja,
qattiela ta' xulxîn,—siġar wensija,
hemm fuq xi bank u taħt xi waħda min'nkom,
il-qalb li ma tixtieqx ħlief tgħix fi skietha
f'thewdin ta' Sebħ u Dawl u bla ma tisma'
tnassis u ġlied, sabitkom ta' kull lejla
u l-ġenn tad-dinja nsiet u raqdet magħkom.

A. C.